**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta’ Jannar, 2017

Rikors numru : 315/2016 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata Liliana Schembri żżewġu fil-21 t'Ottubru 1995 (kopja mehmuża '**Dokument A**';

2. Illi mill-istess unjoni twieled X B u li llum għandu 'il fuq minn tmintax-il (18) sena, u jaħdem impieg '*full-time*';

3. Illi ż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u fis-sena 2003 l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' att fl-atti tan-Nutar Anthony Bonnici tad-9 t'Ottubru 2003 (kopja mehmuża '**Dokument B**');

4. Illi b'hekk il-partijiet ilhom aktar minn tnax-il (12) sena separati legalment, u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonċiljazzjoni fil-futur;

5. Illi kemm il-partijiet u kif it-tifel, illum adult, għandhom dħul adegwat għalihom, u in oltre' m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet.

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex skont dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni :

(i) Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet, li seħħ fil-21 t'Ottubru 1995, bħala żwieġ maħlul (divorzju) għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; (Art. 66A(1), Kap. 16)

(ii) Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.
(Art. 66A(4), Kap. 16);

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Rat illi l-intimata irrifjutat in-notifika u dana diversi drabi u b'hekk hija notifikata, izda minkejja dan ma dehritx ghal dawn l-atti u lanqas ipprezentat risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Ottubru 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.